MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Talba Numru. 371/2005

**Montalto Insurance Agency Ltd (C1052) bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Insurance Company, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Vincent Agius u l-istess Vincent Agius**

**vs**

**Charles Magri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm296.18) dovuti in kwantu ghas-somma ta' Lm247.58 bhala danni kkagjonati fil-vettura ta' l-attur Vincent Agius, Lm23.60 prezz ta' zewg surveys, u Lm25.00 ta' l-excess u dan b'rizultat ta' l-incident stradali li sehh fit-22 ta' Ottubru, 2003 fi Triq Hal Dwieli, Zebbug, waqt li**

**l-istess konvenut kien qieghed isuq il-vettura IAL 181 ta' propjeta' ta' Doris Magri u dahal gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAA 186 propjeta' ta' l-attur Vincent Agius u misjuqa minnu stess ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-konvenut kawza ta' mprudenza, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fit-28 ta' Frar, 2005 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut, izda sehh unikament tort ta' Vincent Agius, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Semgha x-xhieda ta' Charles Magri, David Debono, Vincent Agius u Doris Magri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fi Sqaq Numru 1, fi Triq Hal Dwieli, Haz-Zebbug. L-incident sehh fit-22 ta' Ottubru,2003 bejn il-vettura FAA 186 misjuqa mill-attur u l-vettura IAL 181 misjuqa mill-konvenut.**
**2. L-attur kien dahal fi Sqaq numru 1 bil-vann pick-up tieghu u regga' lura sabiex jipparkja biswit il-hajt kif indikat fid-Dok VA 1. L-attur kien dahal bil-quddiem u jghid li kif regga' lura ma ra 'l hadd warajh. Huwa fil-fatt ighid li regga' lura biss distanza ta' cirka ta' tul ta' nofs vann. L-attur pero' kien jaf li kien hemm il-vettura tal-konvenut li kienet faccata ta' l-isqaq f'parti li tigi qisha pjazzetta, u skond ma jghid hu dak il-hin din il-karozza kienet wieqfa. L-attur**

**isostni li meta grat il-habta kien qed jieqaf, pero' jichad li fil-mument tal-kollizzjoni kien qieghed iregga' lura.**

**3. Il-konvenut ighid li kien regga' lura ghal go l-isqaq bl-intenzjoni li jipparkja mal-hajt fuq l-istess naha illi fil-fatt kien qed jipparkja l-attur.**

**4. Il-konvenut ighid illi biex hares wara kien dawwar ghonqu u ma kienx hares fil-mera tan-nofs. Meta hares kif qal, « il-karozza ta' l-attur ma rahhiex », u l-ewwel darba li nduna bih, kien mad-daqqa.**

**5. It-Tribunal jirrileva illi l-konvenut meta kien qed iregga' lura kellu viswali cara ta' dak illi kellu warajh u ma setghax ikun illi dan ma jarax vann kbir ta' l-attur fi sqaq li fih tul ta' cirka sebghin metru. It-Tribunal jinnota in partikolari illi l-fatt li l-konvenut induna biss bil-vettura ta' l-attur mad-daqqa, juri illi dan ma kienx qed jesplora sew it-triq li go fiha ried iregga' lura, kif kien fid-dmir li jaghmel. Il-konvenut fil-fatt irrizulta illi meta kien fil-pjazzetta regga' lura, qasam karreggjata u b'manuvra wahda, minghajr waqfien baqa' diehel dritt ghal gol-vettura ta' l-attur.**

**6. It-Tribunal innota wkoll illi setgha jkun illi l-attur fil-mument ta' l-impatt ma kienx waqaf kompletament, pero' kien prattikament wieqaf. Dana, fl-opinjoni tat-Tribunal ma hux sufficjenti sabiex tigi ravvizata xi negligenza partikolari da parti ta' l-attur ghall-eventwali kollizzjoni li sehhet. Pero' it-Tribunal ser iqis dan il-fatt meta ser jiddecidi fuq il-kap ta' l-ispejjez.**

**7. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal ma hemmx dubbju illi l-kollizzjoni sehet principalment b'tort tal-konvenut u l-konvenut konsegwentement ghandu jhallas lill-attur id-danni sofferti.**

**8. Dwar id-danni dawna jirrizultaw pruvati skond ma jirrizulta mid-Dok DD 1 sa DD 10 fl-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira u tmintax-il centezmu (Lm271.18), u lill-attur is-somma**

**ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, in vista ta' dak illi gia gie fuq rilevat, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------